# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza 29 ta' Marzu, 2023

Avviz tat-Talba numru: 158/2022 CL

**Continental Puchasing Co Limited** (C 4324)

**VERSUS**

**Sovereign Hotels Ltd** (C10538)

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-24 ta' Mejju 2022, fejn is-socjeta attrici talbet lil Tribunal jidikkjara illi s-socjeta konvenuta hija debitrici fil-konfront tar-rikorrenti fl-ammont ta' hamest elef euro (€5,000), li ghal fini tal-kompetenza ta' Tribunal huwa ridott mis-somma ta' €5350 li kien l-ammont li kien dovut. Dan l-ammont jirraprezenta xiri ta' prodotti minghand ir-rikorrenti gja' mibjugha u kkonsenjati lill-intimata u liema ammont baqa' ma thallasx (Dok A). Illii minkejja li l-intimata u r-rapprezentanti taghha, gew interpellati aktar minn darba, inkluz permezz ta' atti gudizzjarji, baqa' ma giex effetwat. Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali datata 3 ta' Novembru 2021 (Dok B) u bl-iimghax legali kontra s-socjeta intimata li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ra illi fis-seduta tal-1 ta' Frar 2023, it-Tribunal kien innota li s-socjeta konvenuta kienet nnotifikata, izda la ressqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha biex issehh kontestazzjoni tat-talba tas-socjeta attrici. Ghalhekk, is-socjeta konvenuta waqghet fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli,

jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Fil-kaz prezenti, u hekk kif registrat fl-udjenza tal-1 ta' Frar, 2023, minkejja li s-socjeta konvenuta giet debitament notifikata bl-atti processwali, la ressqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha quddiem it-Tribunal fl-udjenza msemmija li kienet tmiss wara n-notifika lilha ta' l-atti. Tali konvenuta, ghalhekk, kienet giet dikjarata fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-imsemmija udjenza.

Ghalkemm kontumaci, tali stat silenzjuz ma jfissirx li l-parti konvenuta qed tammetti dak allegat u/jew pretiz mill-parti attrici, l'ghaliex xorta wahda jibqa' d-dmir ta' din l-ahhar parti li tipprova l-kaz taghha sa' dak il-grad probatorju rikjest mil-Ligi. Fill-kawza **Giuseppe Gerada v. Salvu Attard** ingahd illi "*ghalkemm il- konvenut jibqa' kontumaci, dan ma jaghtix lok ghall-prezunzjoni ta' abbandun tal-liti, ghad-difett ta' eccezzjonijiet legittimi, jew ghal adezjoni ghad-domanda; imma, inveci, ghas-suppozizzjoni ta' rimessjoni ghall-gustizzja tat- tribunal.*[1]"

Rat illi fil-15 ta' Frar 2023 xehed Alfred Cuschieri li ikkonferma li l-ammont kien ghadu dovut u ma kienx thallas ebda ammont. Ghalhekk, fid-dawl tal-appena indikati provi mressqa mis-socjeta attrici, u anke, izda mhux biss, bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal, it-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak mitlub mis-socjeta attrici fi procediment gudizzjarju bhal dan. Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta konvenuta biex thallas lill-istess socjeta attrici is-somma ta' hamest elef euro (€5,000), flinkien mal-ispejjes tal-ittra uffiicjali numru 2634/21 u bl-imghaxijiet mid-data tal-ittra ufficjali[2] sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, ghandhom jithalsu mis-socjeta konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

[1] Giuseppe Gerada v. Salvu Attard (Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1959)
[2] Foll 5 datat 3 ta' Dicmebru 2021